MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Appell Civili Numru. 1465/1999/1

**Emanuel u Ruth konjugi Grech**

**vs**

**Carmen Taliana**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tal-atturi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex dawn jigu risarciti d-danni subiti, bi htija tal-konvenuta waqt "demonstration" li din ghamlet fil-fond residenzjali taghhom bl-uzu tal-magna "Rosa Linda".

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:-

"*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eccipjenti mhix il-legittimu kontradittur u dana stante li l-konvenuta waqt l-imsemmija demonstration kienet qed taghmel xogholijiet*

*direttament u in rapprezentanza tas-socjeta' "International Sales Direct".*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suesuppost, l-eccipjenti mhix responsabbli ghal ebda danni allegatament sofferti mill-atturi meta saret demonstration bil-magna maghrufa bhala "Rosa Linda" fil-proprjeta' ta' l-atturi.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suesuppost it-talba tal-atturi ghal dak li jirrigwarda l-ammont fi flus ta' danni allegatament sofferti, hija wahda esagerata.*

4. *Salv eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni.*"

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Ottubru 2001 li permezz taghha laqghet it-talba attrici u in linea ta' danni ikkundannat lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm375), bl-ispejjez u interessi mid-data tas-sentenza. Dan wara li kkonsidrat:-

"*Jinghad mill-bidu nett li l-konvenuta qatt ma dehret fl-udjenzi illi l-Qorti kienet izzomm ghas-smiegh ta' din il-kawza, lanqas meta l-kawza kienet appuntata esklussivament ghall-provi taghha. Ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq dak li rrizulta f'dawn l-atti illi huwa principalment il-provi migjuba mill-atturi.*

*Fl-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta qieghdha tghid illi hija mhix il-legittimu kontradittur peress illi hija kienet taghmel xoghol direttament u in rapprezentanza tas-socjeta' "International Sales Direct". Fl-isfond ta' dak li nghad qabel din l-eccezzjoni ma giet bl-ebda mod ippruvata, anzi jidher li l-konvenuta kienet qieghdha taghmel dan ix-xoghol bil-makkinarju taghha stess u mhux ta' din is-socjeta' illi qieghdha ssemmi fl-ewwel eccezzjoni. A fol 19 tal-process Ruth Grech qed tghid li l-magna wzata mill-konvenuta kienet ghadha kemm xtratha hija stess peress illi kellha arrangament mal-agenzija li l-ewwel tixtri magna u mbaghad taghmel demonstration*

*biha. Din il-magna kienet ghadha kemm xtratha xi gimgha qabel.*

*Is-socjeta' "International Sales Direct" issemmiet l-ewwel darba mill-attrici fil-bidu tax-xhieda taghha nkonnessjoni ma' xi voucher li rebah ir-ragel taghha fejn kien intitolat ghal demonstration ta' xi prodott. Ma jidhirx illi dana huwa l-istess prodott illi sar ix-xoghol fuq dan is-sufan illi minnha l-attrici qieghdha tilmenta xi hsarat. Fil-fatt l-istess attrici tghid illi ma kienetx interessata f'dan il-prodott illi kienet qed toffri l-"International Sales Direct", pero' accettat li ssirilha demonstration ta' magna maghrufa bhala "Rosa Linda". Din id-demonstration saret mill-konvenuta Carmen Taliana. X'konnessjoni hemm bejn din il-magna maghrufa bhala "Rosa Linda" u l- "International Sales Direct" ma rrizultax minn dawn l-atti, ghad illi jidher illi Taliana taghmel xi xoghol ghal din is-socjeta'. Ghalhekk il-Qorti ma jidhirlhiex li l-konvenuta rnexxielha tipprova l-ewwel eccezzjoni taghha u dina timmerita li tigi skartata.*

*Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, huwa veru illi l-konvenuta Taliana marret ghand ir-residenza ta' l-atturi biex taghmel demonstration ta' din il-magna maghrufa bhala "Rosa Linda". Din il-magna fil-qosor hija steam cleaner. Sar xi tindif f'xi postijiet tad-dar u mbaghad gew ghal dan is-sufan ahmar tal-bellus. Il-konvenuta ssuggeriet illi kienet l-attrici stess illi taghmel it-tindif. Dina ssettjat il-magna u tatha f'idejn l-attrici sabiex tnaddaf. Minkejja li l-attrici gibdet l-attenzjoni tal-konvenuta illi t-temperatura kienet gholja wisq, giet assikurata illi din it-temperatura taqa' u t-tindif ikun jista jsir. Ghalhekk fuq istruzzjonijiet tal-konvenuta l-attrici ghaddiet biex taghmel it-tindif. Waqt illi qed isir dan, bdiet tirrealizza illi halliet xi linji fuq dan il-bellus. Sussegwentement irrizulta illi dawn il-linji huma linji ta' hruq bhal meta tghaddi b'hadida tal-moghdija tahraq fuq xi hwejjeg u dawn il-linji ma jistghux jitnehhew. L-unika rimedju huwa illi jerga jsir it-tapezzar mill-bidu nett. L-atturi ppruvaw diversi drabi biex inehhu dawn il-linji u tbajja u anke l-istess konvenuta jidher illi kkuntatjat lid-ditta Mark Schembri & Associates li ukoll taghmel xoghol ta' tindif biex tipprova tirrimedja d-dannu illi sofrew l-atturi. Mark Schembri ghad illi ma marx personalment baghat lill-*

*lavrant tieghu Charles Decelis illi wara illi ra din il-hsara wkoll ikkonkluda illi ma setgha qatt tigi rriparata. Decelis uza l-makkinarju tad-ditta Mark Schembri biex inaddaf xi postijiet ohra ta' dan is-sufan liema xoghol kien sodisfacenti, pero' dik il-parti li kienet danneggjata hekk baqghet u ma setghet qatt tigi msewwija. Meta l-atturi ndunaw illi ma hemm xejn x'taghmel ghal dan is-sufan, illi l-uniku rimedju huwa illi kellu jigi tapezzat mill-gdid, ikkomunikaw minn ta' l-inqas zewg azjendi li jaghmlu dan ix-xoghol. Wiehed minnhom huwa Raymond Seychell illi xehed a fol 35 tal-process. Qal illi kien hu illi ghamel dan is-salott sitt snin ilu u kien salott kbir hafna u uniku. Ikkwota prezz ta' erba mija u hamsa u sebghin lira (Lm475.00) sabiex dan is-sufan jerga jigi tapezzat mill-gdid.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi minn dawn il-provi l-Qorti hija sodisfatta illi hemm element ta' traskuragni fl-operat tal-konvenuta. Veru illi x-xoghol gie effettivament esegwit mill-attrici, pero' dana ghamlitu fuq istruzzjonijiet diretti tal-konvenuta. L-attrici ma kellha l-ebda mezz tkun taf kif topera din il-magna "Rosa Linda". Tant hu hekk, illi kienet il-konvenuta illi ntroduciet din il-magna fir-residenza ta' l-atturi. Kienet hi li wriethom kif tahdem u x-xoghol li effettivament kienet kapaci taghmel, izda ghal dak li huwa setting tat-temperaturi, l-atturi ma kellhom l-ebda idea u hallew f'idejn il-konvenuta sabiex tirregola dan l-aspett. Kienet l-istess konvenuta illi rregolat it-temperatura tal-magna sabiex jitnaddaf dan is-sufan tal-bellus. Huwa ben saput illi l-bellus huwa materjal delikat hafna u mhux facli biex jitnaddaf u jekk issirlu xi hsara difficli biex jissewwa. Ghalhekk il-konvenuta messha kienet konxja ta' dan il-fatt la qieghdha fil-mistier tat-tindif u messha hadet il-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex il-hsara ma ssirx. Kien hemm nies ohra illi hadmu fuq dan is-sufan bhal Charles Decelis u dana ma ghamilx hsara, bhala lanqas ma saret hsara t-tieni darba illi sar attentat ta' tindif minn xi nies ohra illi baghtithom il-konvenuta. Jibqa' l-fatt pero' illi dik id-darba illi sar uzu minn dik il-magna saret hsara*

*fil-proprjeta' ta' l-atturi liema hsara ghandha tigi attribwita direttament ghat-traskuragni tal-konvenuta.*

*Huwa principju ta' gustizzja illi kull persuna ghandha tkun responsabbli ghad-danni kagunati tort taghha u dana huwa proprju dak illi gara f'dan il-kaz. Il-fatt illi l-konvenuta tidher illi kienet mghaggla dak inhar illi kienet qed taghmel din id-demonstration kif xehdet l-istess attrici ma jezonerahhix minn dan l-obbligu illi tassigura li ma taghmilx hsara fil-proprjeta' ta' haddiehor. Il-konvenuta kienet mistiedna ghand l-atturi, mistiedna biex taghmel xoghol ta' tindif, imma zgur illi qatt ma kien hemm l-intenzjoni jew il-hsieb li dan ix-xoghol kellu jikkawza xi hsarat. L-atturi agixxew in buona fede meta hallew lill-konvenuta taghmel dan ix-xoghol ta' tindif. Kienet il-konvenuta illi abbuzat minn din il-buona fede billi kienet traskurata jew almenu negligenti fl-operat ta' din il-magna tant illi kkawzat hsara lill-atturi. Huwa ta' dan illi l-konvenuta ghandha tkun responsabbli.*

*Ghal dak li jirrigwarda l-quantum tad-danni irrizulta mill-atti illi biex jerga jigi tappezzat dan is-sufan jehtieg spiza ta' erba mija u hamsa u sebghin lira (Lm475.00). Dan it-tappezzar huwa ta' xoghol gdid. Ta' min isemmi pero' illi dan is-sufan kien ilu wzat xi sitt snin u ghalhekk kien ser jitbiddel il-qadim mal-gdid u huwa gust illi jkun hemm daqsxejn ta' temperament fic-cifra tat-tiswija biex issir gustizzja ma' kulhadd. Tajjeb jew hazin l-atturi ser ikollhom kisja gdida ta' dan is-sufan li sejjer jirrimpjazza wiehed qadim u ghalhekk mhux sew li dawn jibbenefikaw minn prezz intier ta' kisja gdida. Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi t-talba ta' l-atturi ghandha tkun imnaqqsa b'mitt lira (Lm100.00) biex isir bilanc gust fl-interessi tal-partijiet*."

Rat ir-rikors li bih il-konvenuta appellat minn dik is-sentenza u talbet li din tigi revokata billi invece jigu akkolti l-eccezzjonijiet taghha.

Il-gravami sollevati mill-konvenuta kontra s-sentenza ta' l-ewwel Qorti huma fis-sustanza principalment tnejn, u cjoe:-

(i) Illi hi ma kenitx qed tagixxi f'isimha, in kwantu l-kuntrattazzjoni kienet bejn l-atturi u l-kumpanija International Sales Direct;

(ii) Billi kienet l-attrici li ghamlet uzu mill-magna allura hi ma setghetx tigi akkollata l-ebda htija, anke ghaliex l-attrici ma segwietx l-istruzzjonijiet moghtija minnha lilha.

Jigi rilevat qabel kull osservazzjoni ohra illi mhux lecitu illi fi stadju ta' appell xi wahda mill-partijiet, u dan ighodd b'maggjor rigward fil-kaz tal-parti sokkombenti, tqajjem materji li ma jirrizultawx mill-atti processwali, u ma kienux jifformaw parti mill-kontroversja quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza. Multo magis, imbaghad, meta dik l-istess parti, b'nuqqas jew bi traskuragni procedurali, ma tkunx indenjat ruhha tressaq il-provi taghha quddiem l-ewwel Qorti. Il-fatti rilevanti ta' kull kawza, bhala 'res gestae', huma dawk rizultanti mill-atti tal-process. Din hija norma bazilari f'kull proceditment guridiku u hija korollarja tal-massima "quod non est in actis non est in mundo" - "**David Zammit –vs- Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp**", Appell, 17 ta' Novembru, 1999.

Qorti ta' Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tistax taccetta illi tigi abbuzata b'dan il-mod, anke ghaliex mhux accettat illi l-kontroparti tigi sorpriza b'materja li qatt ma ngiebet ghad-diskussjoni quddiem il-qorti ta' prim'istanza.

Kuntrarjament ghal dak dedott fir-rikors ta' l-appell ma jidherx illi minn x'imkien mill-atti jirrizulta illi l-eccezzjonijiet gew formulati mis-socjeta' International Sales Direct ghan-nom, jew ad insaputa, tal-konvenuta. Din hi biss asserzjoni gratuwita tal-konvenuta li ma ssibx riskontru mill-provi. Ghalhekk l-osservazzjoni (aktar milli aggravju) tal-konvenuta f'dan ir-rigward qed tigi skartata.

Kwantu ghall-aggravji l-ohra fil-meritu ma jidherx li huwa l-kaz li din il-Qorti twarrab l-apprezzament li sar dwarhom mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Fil-kumpless taghhom l-argumentazzjonijiet, ta' fatt u ta' dritt, huma ben impostati u din il-Qorti ma tarax il-ghala ghandha tiddisassocja ruhha minnhom.

Il-materja tinkwadra ruhha mhux fl-kawza kontrattwali jew pre-kontrattwali izda fl-istitut tad-delitti u kwazi delitti fejn il-Kodici Civili taghna jipprovdi li “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu” (Art 1031) u fid-disposizzjoni sussegwenti jtenni li jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja” (Art 1032 (1)).

Mehud rigward ghar-rizultanzi processwali, fejn fil-kaz de quo essenzjalment jikkonsistu fil-provi ta’ l-atturi, gjaladarba l-konvenuta baqghet ukoll passiva, ma tezisti l-ebda kontroversja fuq il-fatt accertat illi l-attrici agiet fuq l-istruzzjonijiet tal-istess konvenuta u bil-magna tal-istess konvenuta.  L-allegazzjoni tal-konvenuta illi l-attrici ma segwietx l-istruzzjonijiet taghha tibqa’ biss asserzjoni astratta li baqghet ma gietx sostenuta minnha b’xi prova soda u konvincenti. F’dawn il-kontingenzi l-konvenuta hi responsabbli ghall-fatt proprju u t-tentattiv taghha, anke issa f’din is-sede, biex tisposta r-responsabilita’ fuq il-kumpanija ma jezonerahiex mill-htija ghall-fatt taghha stess.  Fin-nuqqas ta’ provi ohra skagonatrici l-fatt jibqa’ li hi ma adoperatx dik il-dilgenza ordinarja tal-bonus pater familias waqt id-dimostrazzjoni tal-uzu tal-magna.  Lanqas meta l-attrici gharfitha dwar il-grad gholi tas-shana emessa minnha jew meta osservatilha li l-magna kienet qed thalli linji fuq is-sufan.

Ma jirrizultax illi l-konvenuta baqghet issostni l-eccezzjoni taghha dwar l-eccessivita’ tal-quantum tad-danni pretizi tant li ma ressqet l-ebda aggravju dwar dan. F’kull kaz irid jinghad li dawn gew sufficjentement sostnuti bi provi certi. L-arbitriju dwarhom, imbaghad, mill-ewwel Qorti huwa wiehed gust u jirrientra fil-logika guridika illi trid li jkun hemm diminuzzjoni fir-rizarciment relattiv ghall-ispiza tas-sostituzzjoni in proporzjon ghal vantagg konkret.

Ghal dawn il-motivi, s-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-appell interpost michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

Dep/Reg
cb